**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., MAG. JUR. (EU LAW)**

**DISTRETT ŻEBBUĠ**
**Kawża Numru 1171/2022**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Alfred Attard**

**Illum, 28 ta' Frar, 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni mressqa kontra Alfred Attard ta' 62 sena, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0429059M, li permezz taghha gie akkuzat talli:

> *"...nhar il-25/11/2021 Gewwa Sqaq, Triq San Martin Haz-Zebbug*
>
> *B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħek, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunajt ħruq jew għamilt xi ħsara jew għarraqt xi ħaġa għad-dannu ta' Emanuel Cristina, Joseph Gatt u Josef Spiteri."*

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

Rat id-dokumenti ezebiti;

Semghet il-provi prodotti;

Semghet trattazzjoni;

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Qabel xejn, din il-Qorti sejra tqis l-argument imressaq fl-14 ta' Novembru, 2022, mid-difiza fejn gie eccepiet li f'dawn il-proceduri, huwa mehtieg li jibdew fuq kwerela da parti tal-parti offiza, u fil-fatt, qatt ma kien hemm kwerela mill-parti offiza. L-istess argument gie mressaq quddiem din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta tas-16 ta' Marzu, 2023.

Il-Qorti qieset li l-imputat qed jigi akkuzat ai termini tal-Artikolu 328(d) tal-Kap. 9. Dan jipprovdi illi jkun hati tar-reat ta' hsara involontarja kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqasta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta'regolamenti, jikkaguna hruq, jew jaghmel xi hsara jew ihassar jew jgharraq hwejjeg haddiehor. Il-ligi tkompli li hlief meta l-hsara tkun kagunata fi proprjetà pubblika, hlief vettura bil-mutur, jistghu jittiehdu **procedimenti biss bil-kwerela tal-parti offiza.**

Din il-Qorti qieset gurisprudenza li nghatat f'kawzi fejn ma gietx ezebita kwerela tal-parti offiza fl-atti processwali. Fost ohrajn, fil-kawza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fis-17 ta' Settembru 2013, fl-ismijiet **Police (Inspector Frank Anthony Tabone) vs. Jeanette Louise Lightfoot**, fejn intqal:

> *"It is evident that, as required by the proviso of Article 328(d) quoted above, the complaint of the injured party is required in these proceedings. The Court notes that the defence was correct in pointing out during its final submissions that no complaint of the injured party had been exhibited in the acts of these proceedings.*
> *Yet, reference has to be made to Section 373 of Chapter 9 of the Laws of Malta which states the following:*
> *"As regards offences referred to in Article 370(1), the prosecution shall lie with the injured party or with the persons mentioned in Article 542 on behalf of such party, where proceedings cannot be instituted except on the complaint of the injured party:*

*Provided that if the offence in respect of which no prosecution may be instituted except on the complaint of the injured party, is aggravated by public violence or is accompanied with any other offence affecting public order, or if, in the absence of any such circumstances, the injured party shall fail to institute proceedings and shall not have expressly waived the right to prosecute within four days from the commission of the offence, it shall be lawful for the Executive Police ex officio to institute proceedings in respect of the offence". [emphasis added]*
*Hence it is evident that since the injured party did not waive the right to prosecute, it is lawful for the Executive Police to institute proceedings in respect of the offence."*

Issir referenza ghal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell, fis-sentenza fl-ismijiet, ***'Il-Pulizija vs Anthony Sammut John Mary Vella'*** fid-9 ta' Gunju, 2010, (Appell Kriminali Numru: 275/2007):

*'Dwar l-ewwel imputazzjoni pero` jghid preliminarjament illi fl-atti ma gietipprezentata l-ebda kwerela kif rikjest mill- proviso tas-subartikolu (d) ta' l-artikolu 328 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk ma setghux jittiehdu proceduri kontra tieghu. Din il-Qorti ma taqbilx.*

*Filwaqt li huwa minnu li ma gietx ipprezentata kwerela bil-miktub, jirrizulta illi saret kwerela (anzi saru kwereli) bil-fomm kif jirrizulta mill- okkorrenza Dok. NS1 a fol. 14 sa 17 tal-process. L- artikolu 538 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li: "Kull persuna li jidhrilha li hi offiza b'reat u tkun trid taghmel kwerela ghall-kundanna tal-hati, jekk maghruf, jew, jekk mhux maghruf, fil-kaz li jinkixef, tista' taghmel din il-kwerela lil kull ufficjal tal-Pulizija, ukoll b'ittra" (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-kelma "ukoll" tfisser li hemm mezzi ohrajn ta' kif tista' ssir kwerela. Mela l-kwerela bil- fomm mhijiex eskluza.*

*Difatti s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 390 tal-Kodici Kriminali jipprovdi: "Meta ma jistghux jinfethu proceduri kriminali hlief bit-talba tal-privat, l- imputat jista', ukoll qabel l-ezami tieghu, jitlob li tingieb il-kwerela, jekk din tkun saret bilmiktub, inkella li jingiebu provi ohra ta' dik il-kwerela, jekk din tkun saret bil-fomm" . F'dan il- kaz il-kwerelanti xehdet quddiem l-ewwel Qorti u regghet xehdet quddiem din il-Qorti.*

*Inoltre xehdu l-Ispettur Martin Sammut u P.S.1244 Nicolai Sant li kkonfermaw dak li marret "tirrapporta" l-kwerelanti.*
*Ghalhekk dan l-ilment ta' l-appellant Vella huwa michud.'*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali Magistrati, Kumpilazzjoni Numru: 1236/2014, fl-ismijiet, **Il-Pulizija (Spettur Luke Bonello) vs. Samuel Mamo**, deciza fit-18 ta' Jannar, 2020, intqal:

*"Id-difiza ta' l-imputat bhala kunsiderazzjoni legali preliminari tenniet li l-kwerela tal-parte civile u cioe ta' tlett vittmi fl-incident ma tressqux legalment kif rikjest mill-ligi bil-kwerela taghhom stess. Fin-nuqqas ta' kwerela da parti tal-parti leza l-prosekuzzjoni ma kelliex il-bazi legali sabiex tmexxi u tiprosegwi din il-kawza.*

*…Il-forma legali ta' kif ghandha ssir kwerela hija stabbilita f'Taqsima II, Fuq Hwejjeg li Ghandhom X'Jaqsmu ma' xi Procedura u xi Kwazi, Titolu I tal-Kodici Kriminali.*
*L-aritkolu 535 tal-Kodici Kriminali jistabilixxi:*

*535.(1) Kull persuna tista' taghmel denunzja lil ufficjal tal-Pulizija Ezekuttiva ta' reat li tkun giet taf bih b'kull mod li jkun, u li ghalih il-Pulizija tista' tmexxi ex officio.*

*(2) Izda l-Pulizija ma tistax timxi fuq rapport jew denunzja anonimi, hlief fil-kaz ta' reat maqbud fil-fatt jew meta r-rapport jew id-denunzja jkollhom x'jaqsmu ma' fatt permanenti. F'kull kaz bhal dan, il-Pulizija tista' tipprocedi fuq dak ir-rapport jew denunzja, wara li tizgura ruhha mill-flagranza tar-reat jew mill-fatt permanenti.*

*L-artikolu 536 tal-Kodici Kriminali jghid:*

*Id-denunzjant ghandu jfisser car il-fatt bl-irqaqat kollha tieghu, u ghandu jaghti, kemm jista' jkun, dawk il-partikularitajiet kollha mehtiega li jaccertaw ir-reat, li jistabbilixxu x-xorta tieghu kif ukoll li juru min huma l-awturi u l-komplici.*

*Illi skond l-artikolu 537 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:*

*Id-denunzja tista' ssir bil-fomm jew bil-miktub:*

*Izda, meta d-denunzja ssir bil-fomm, hija ghandha, hlief fil-kazijiet li ma jkunux iridu dewmien, titnizzel bil-miktub minnufih u ghandha tigi iffirmata mid-denunzjant, jew, jekk dan ma jkunx jafjikteb, mill-ufficjal tal-Pulizija li jkun hekk nizzilha bil-miktub.*
*L-artikolu 538 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:*

*Kull persuna li jidhrilha li hi offiza b'reat u tkun trid taghmel kwerela ghall-kundanna tal-hati, jekk maghruf, jew, jekk mhux maghruf, fil-kaz li jinkixef, tista' taghmel din ilkwerela lil kull ufficjal tal-Pulizija, ukoll b'ittra.*

*Finalment l-artikolu 539 jghid:*

*L-artikoli 536 u 537 ighoddu wkoll ghall-kwereli.*

*Mill-provi ma jirrizultax li saret kwerela bil-miktub minn Ann Gatt jew Matthias Borg Ballucci. Madankollu jirrizulta li din il-kwerela bil-fomm tnizzlet bil-miktub mill-ufficjal tal-Pulizija li rceviha tant li tidher fl-okkorenza li saret mill-ufficjal tal-pulizija relattiv. Illi f'din l-okkorenza esebita bhala Current Incident Report tnizzlu d-dettalji ta' dak li rrapurtaw il-kwerelenti Anne Gatt u Matthias Borg Ballucci. Fl-istess rapport jinsab imnizzel l-azzjoni li hadet il-pulizija in segwitu ta' dak li gie rraportat mill-parti leza.*

*Sussegwentement l-informazzjoni li giet mghoddija lill-pulizija ittiehdet u tnizzlet bhala xhieda mill-espert Dr. Mario Buttigieg u fformat parti mill-inkjesta magisterjali. Ghalkemm fit-tarf ta' kull pagna ta' dan ir-rapport fiha bhala firma u tirrizulta wkoll il-firma tal-Qorti kif kienet diversament preseduta u tad-Deputat Registratur, u fl-ahhar pagna ta' l-okkorenza il-firma ta' PS950 Alan Buhagiar bhala konferma li din il-okkorenza hija vera kopja minn imkien ma jirrizulta li dan ir-rapport gie ffirmat mill-kwerelanti. Fix-xhieda ta' l-istess ufficjali tal-pulizija ma jirrizultax lanqas li l-parti leza gew mitluba sabiex jiffirmaw dan ir-rapport.*
*Li ma jirrizultax pero' hu li din il-kwerela li tnizzlet mil-pulizija giet b'xi mod jew f'xi stadju ulterjuri ffirmata mill-kwerelant kif jirrikjedi l-artikolu 537 tal-Kodici Kriminali.*

*Illi fil-kaz Il-Pulizija vs Paul Camilleri meta l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali ezaminat dan il-punt kienet ikkonkludiet li ghalkemm kwerela tista' ssir bil-fomm, din trid tigi ffirmata mill-kwerelant:*

*'Illi fil-waqt li originarjament dawn ir-reati kienu prosegwibbli mill-Pulizija ex officio, bl-introduzzjoni tal-artikolu 283A u bl-emendi introdotti bil-proviso ghall- artikolu 326 (1) tal-Kodici Kriminali, ghar-reati in dizamina, bl-Att XXII tas-sena 2005, ma jista' jittiehed ebda procediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza, f'dan l-kaz ovvjament l-Enemalta Corporation. Hu ovvju ghalhekk li, in vista ta' dawn l-emendi, kienet mehtiega l-kwerela talparti offiza biex il-Pulizija setghet tipprocedi kontra l-appellant, f'Mejju, 2006.*

*Illi fl-atti processwali ma hemm ebda kwerela formali bil-miktub iffirmata minn xi ufficjal awtorizzat tal-Enemalta Corporation jew xi avukat ghan-nom taghha. Pero' ma hemmx dubju li kwerela bil-fomm saret meta Mario Cassar ghamel denunzja verbali lill-Pulizija, liema denunzja tinsab inkorporata bid-dettalji kollha fl-okkorrenza imsemmija. Ma hemmx dubju li l-vot tal-ligi kif indikat fl-artikolu 536 ghal dak li jirrigwarda l-kontenut tad-denunzja - w estizi ghall- kwerela bl-artikolu 539 - gie rispettat meta Cassar ghamel iddenunzja tieghu lill-Pulizija, ghaliex l-okkorrenza turi li gew imfissra car il-fatti bl-irqaqat u partikolaritajiet kollha mehtiega li jaccertaw ir-reat, li jistabilixxu x-xorta tieghu kif ukoll li juru min hu l-awtur jew ilkomplici fid-delitt. Tant li bhala "Suspect No:1" kien gie proprju indikat l-appellant odjern. Dana kollu gie traskritt fl-okkorrenza. Jirrizulta ukoll li din il-kwerela bil-fomm tnizzlet bil-miktub mill- ufficjal tal-Pulizija li rceviha tant li tidher fl-okkorrenza li saret minn PS 1102 Robert Everest. Li ma jirrizultax pero' hu li din il-kwerela giet b'xi mod jew f' xi stadju ffirmata mill-kwerelant kif jirrikjedi l-artikolu 537 tal-Kodici Kriminali.*

*Jidher li dan in-nuqqas sfugga ghal kollox lill- Prosekuzzjoni meta wara tant snin w wara li kienet inbidlet il-ligi bl-Att XXII tal-2005, fl-ahharipprezentat c-citazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti.*
*Illi f' dan il-kaz ma hux applikabbli s-subartikolu (5) tal- artikolu 390 ghax il-kawza sa mill-bidu nett tmexxiet bi procedura sommarja fuq talba tal-Avukat Generali (Fol.4) u ghalhekk ma saritx kumpilazzjoni.*

*Jibqa' pero' jigi konsidrat jekk l-atti processwali jistghux jigu salvati jew sanati bl-applikazzjoni tal-proviso ghall- artikolu 373 li jiddisponi li fil-kazijiet li jaqghu that il-kompetenza ordinarja tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond l-art. 370, meta l-offiz ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali w ma jkunx espressament irrinunzja ghaliha fi zmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar irreat, il-Pulizija Ezekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni ex officio dwar dak ir-reat.*

*Ir-risposta ghal dan il-kwezit jaghtiha b'mod car l-artikolu 283A li jghid li ghar-reatta' serq ta' elettriku ma jittiehed ebda procediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza wkoll meta r-reat ikun ta' kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati skond dak li jipprovdi l-artikolu 370 (1) u l-offiz ma jkunx irrinunzja espressament ghall-azzjoni fi zmien erbat ijiem minn dakinhar li jkun sar ir-reat. Dan l-artikolu sahansitra jkompli jghid:-*

*"Id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu ghandhom japplikaw minkejja kull haga li jinghad fil-proviso ta' l-artikolu 373." (sottolinear ta' din il-Qorti)*

*Ghalhekk jidher li taht kull aspett in-nuqqas tal- prosekuzzjoni li tesigi l-kwerela tal-Korporazzjoni Enemalta qabel ma pprocediet b' dan il-kaz fit-18 ta' Mejju, 2006, ma jistax jigi sanat u ergo l-proceduri li nbdew kontra l-appellant ma setghux isiru w konsegwentement huma nulli.*

*"Ghalhekk jidher li taht kull aspett in-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tesigi l-kwerela tal-Korporazzjoni Enemalta qabel ma pprocediet b'dan il-kaz fit-18 ta' Mejju, 2006, ma jistax jigi sanat u ergo l-proceduri li nbdew kontra l-appellant ma setghux isiru w konsegwentement huma nulli."*

*….Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kaz fl-ismijiet Il-Pulizija vs Emanuel Fava fejn gie ritenut:*

*'Permezz ta' l-ewwel aggravju l-appellant jghid fl-ewwel lok illi skond l-artikolu 203(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, procediment ghad-delitt ta' korruzzjoni ta' minorenni jittiehed biss bil-kwerela tal-parti offiza. Jirreferi ghall- artikoli 542, 538, 539 u 537 ta' l-istess Kap. 9 u jikkonkludi li fil-kaz odjern il-kwerela hi monka ghax*

*saret mill-Avukat Dr. Tonio Azzopardi, cioe` minn persuna li mhijiex wahda mill-persuni msemmija fl-artikolu 542, u ghaliex il-kwerela mhijiex iffirmata mill-genituri ta' N. G. kif tassattivament jirrikjedi l-artikolu 537. L-appellant izid jghid ukoll illi l-kwerela esebita hija kopja u inoltre li l-proceduri kontra l- appellant mhumiex salvabbli taht l-artikolu 373 tal-Kap. 9.*

*Bhalma josserva l-appellant, l-artikolu 539 tal-Kap. 9 jipprovdi li l-artikolu 537 jghodd ukoll ghall-kwereli. L- artikolu 537 jipprovdi li d-denunzja lill-Pulizija, mela anke l-kwerela, tista' ssir bil-fomm jew bil-miktub. Il-proviso jipprovdi ghal dak li jigri meta persuna tmur ghand il-Pulizija sabiex taghmel denunzja jew kwerela, cioe` li l-Pulizija li lilu l-kwerelant ikun qieghed ikellem, ghandu "hlief fil-kazijiet li ma jkunux iridu dewmien", inizzel bil- miktub minnufih il-kwerela li "ghandha tigi iffirmata mid-denunzjant, jew, jekk dan ma jkunx jaf jikteb, mill-ufficjal tal-Pulizija li jkun hekk nizzilha bil-miktub." Huwa ovvju ghalhekk li kwerela bil-miktub tista' tigi ppreparata u ffirmata mill-avukat tal-kwerelant minghajr il-htiega li dik il- kwerela miktuba tigi ffirmata wkoll mill-kwerelant. Barra minn hekk, nonostante li giet esebita kopja biss tal-kwerela, jirrizulta li meta D. G., missier il-minorenni, xehed fid-9 ta' Jannar 2002 huwa sostna l-kwerela. U meta N. G. ottjeniet l-eta` ta' tmintax-il sena fil-mori tal-kawza, fis- seduta tat-12 ta' Settembru 2005 hija sostniet il-kwerela, u baqghet hekk issostniha.*

*Ghalhekk l-ewwel aggravju huwa michud.'*

*Illi minn ezami ta' l-atti jirrizulta wkoll li tul il-kumpilazzjoni l-imputat ma talabx, u l-Qorti ex officio ma ordnatx il-prova tal-kwerela.*

*F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza Il-Pulizija vs Giuseppe Calleja fejn saret referenza specifika ghall-artikolu 390(5) tal-Kodici Kriminali.*

*Issa f'dan il-każ f'ebda stadju ma ġiet preżentata xi kwerela f'forma ta' dokument – la da parti tal-minuri u lanqas da parti tal-ġenituri taghha jew ta' xi hadd iehor kif provvdut flArtikolu 542 tal-Kodiċi Kriminali. Dan il-fatt per se, pero`, ma jfissirx li ma kienx hemm kwerela – ġaladarba l-każ beda quddiem il-Qorti Istruttorja kien applikabbli s-subartikolu (5) ta' l-artikolu 390 tal-Kap 9 li jipprovdi li "jekk matul il-*

*kumpilazzjoni l-imputat ma jitlobx u l-qorti ex officio ma tordnax il-prova tal-kwerela, din il-kwerela titqies li saret skond il-ligi". Fil- fatt minn ezàmi li din il-Qorti ghamlet ta' l-atti, minn imkien ma jirriżulta li l- appellant (allura imputat) talab li ssir il-prova tal-kwerela. U minn imkien ma jirriżulta li l-ewwel Qorti ordnat li ssir tali prova. Di piu`, kif tajjeb osservat l- ewwel Qorti fis-sentenza taghha, "filmument li A ghażlet li hija trid tixhed f'dawn il-proċeduri kontra l-imputat u tkellmet mal-Pulizija dwar dak li kien gàra allura kien fid-dover tal-Pulizija li tmexxi kontra limputat".'*

*Ghaldaqstant l-artikolu 390(5) tal-Kodici Kriminali ma japplikax ghal dan il-kaz odjern stante li l-imputat ma tressaqx b'kumpilazzjoni, izda bi proceduri sommarji wara li l-prosekuzzjoni gabet il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja. Mill-atti processwali jirrizulta wkoll li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.*

*Fl-artikolu 373 tal-Kodici Kriminali jinghad:*

*'Fir-reati msemmijin fl-artikolu 370(1), l-ezercizzju tal-azzjoni kriminali jmiss lill-offiz jew ghalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa hlief bi kwerela tal-offiz:*

*Izda, meta r-reat li ghalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa hlief bi kwerela tal-offiz, ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat iehor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta, bla ma jkun hemm ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi, l-offiz ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament ghaliha fi zmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Ezekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni ex officio dwar dak ir-reat.'*

*L-artikolu 543(b) u (d) tal-Kodici Kriminali jghid:*
*Il-pulizija tista' tagixxi, ukoll minghajr il-kwerela privata, f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:*

*(a) fil-kaz ta' delitti li ghalihom il-ligi ma tiddisponix espressament li hija mehtiega l-kwerela privata;*

*(b) fil-kaz ta' reati li jikkonsistu filli jingiebu armi ipprojbiti fuq il-persuna jew filkaz ta' reat kontra l-ligijiet dwar is-sajd, il-vetturi jew id-dghajjes, inkella dwar arti jew sengha;*

*(c) fil-kaz ta' reat maghmul kontra persuna li, minhabba xi difett tal-gisem jew tal-mohh, ma tkunx tista' tmexxi l-azzjoni kriminali, ukoll jekk ir-reat ikun wiehed li ghalih, kieku kien maghmul kontra persuna ohra, kienet tkun mehtiega l-kwerela privata;*

*(d) fil-kaz ta' kull reat li jinteressa l-ordni pubbliku jew il-komunità in generali;*

*(e) fil-kaz li' xi reat li jinvolvi vjolenza domestika [omissis]*

*(f) fil-kaz ta' stupru kif imfisser fl-artikolu 198 ta' dan il-Kodici;[omissis]*

*Minn dan l-artikolu, ghalhekk, ma jirrizultax li l-ligi tikkontempla xi ezenzjoni specifika mill-htiega li ssir kwerela bil-forma mehtiega taghha ghar-reat ta' griehi hfief kawzati b'mod involontarju.*

*Di piu u nonostante dak li nghad hawn fuq il-Qorti taghmel referenza ghal kaz Il-Pulizija vs Edward Dominici Polidano fejn gie ritenut mill-Qorti:*

*Nonostante dan, din il-Qorti tissottolinea li minkejja li jirrizulta kjarament li sabiex jitmexxew il-proceduri, kien hemm il-htiega ta' kwerela u li ghalkemm din setghet tkun bil-fomm, kellha titnizzel bil-miktub u kellha tigi ffirmata, il-legislatur ma provdiex ghall-eventwalita' li dan ma jsirx u cioe' jekk dan iwassalx ghan-nullita' tal-proceduri jew jekk dan in-nuqqas jistax jigi sanat;*

*Il-Qorti tosserva wkoll li parti leza hadu sehem attiv fil-proceduri, tant li xehdu fl-inkjesta, fil-Qorti diversi drabi u saru mistoqsijiet lix-xhieda mid-difiza dwar jekk ghadx fadlilhom interess f'dawn il-proceduri. Fil-fatt kien biss fl-ahhar udjenza ghas-smiegh tal-provi tad-difiza u wara li ghaddew numru ta' snin wara li kienu lahqu ssorvolaw il-pendenzi pekunjarji taghhom ma' l-imputat li ddikjaraw li ma ghadx ghandhom xi interess partikolari f'din il-kawza.*
*Il-fatt li d-difiza emfasizzat hi stess dan in-nuqqas ta' interess mill-parti leza qed tistieden lill-Qorti sabiex tikkunsidra dawn id-dikjarazzjonijiet bhala forma ta' rinunzja ghall-kwerela taghhom minkejja l-fatt li minn imkien ma jirrizulta li hemm rinunzja espressa.*

*Din il-Qorti hija tal-fehma li mill-atti minn imkien ma jirrizulta li l-parti leza tilfet l-interess fil-proceduri jew li addirittura rrinunzjat ghalihom u di piu', din il-Qorti hija soddisfatta, anke fid-dawl tal-pronunzjamenti hawn fuq citati, li hija tista' tkompli tikkunsidra dawk l-imputazzjonijiet li huma legalment prosegwibbli bil-kwerela tal-parti leza.*

*Ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi sabiex tiddeciedi l-kaz fuq il-kumplamanet tal-kunsiderazzjonijiet legali u l-mertu tal-kaz."*

Din il-Qorti qieset li fil-kaz odjern, intbaghtet *email* minn Infrastructure Malta, ezebit a fol 211 tal-process, li fiha gie spjegat li kawza ta' xogholijiet li saru, diversi garaxxijiet spiccaw mgharrqa bl-ilma, u li din id-denunzja kienet qed issir in vista ta' kwalunkwe danni, possibilment sofferti mill-istess sidien ta' proprjetajiet. Irrizulta li f'din il-kawza, il-Prosekuzzjoni ndikat bhala allegati vittmi, Emanuel Cristina, Joseph Gatt u Josef Spiteri. Dawn irrizulta li xehdu f'dawn il-proceduri u b'hekk urew l-interess taghhom f'dawn il-proceduri.

Addizzjonalment jinghadd li fid-dawl tal-insenjamenti fuq riprodotti, dawn l-atti processwali jistghu jigu salvati jew sanati bl-applikazzjoni tal-proviso ghall- Artikolu 373 tal-Kap 9, li jiddisponi li fil-kazijiet li jaqghu taht il-kompetenza ordinarja tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skont l-Art. 370, meta l-offiz ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkunx espressament irrinunzja ghaliha fi zmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Ezekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni *ex officio* dwar dak ir-reat. Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tichad l-argumentazzjoni mressqa mid-difiza, fis-sens li din il-procedura hija nulla in vista li ma saritx kwerela da parti tal-parti offiza.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti sejra issa tezamina l-imputazzjoni odjerna fid-dawl tal-provi prodotti. Il-Prosekuzzjoni pprezentat varji xhieda u dokumenti.

Din il-Qorti gharblet ix-xhieda kollha prodotta, inkluz id-diversi xhieda professjonisti li gew imressqa, kemm mill-Prosekuzzjoni u kemm mid-difiza.

Din il-Qorti tqis li din hija kawza kriminali li fiha l-imputazzjoni trid tigi ppruvata lil hinn minn kull dubju ragjonevoli u semmai, l-icken dubju ghandu jmur a favur tal-imputat. Issir referenza ghal dak li ntqal mill-Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Ottubru, 2020, fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs. Gilmore Buttigieg**:

*"12.Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli talevidenza fi procedimenti penali, cjoe l-Law of Evidence.*

*13.L-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali jghid li ghal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taht l-artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun mehtiega x-xhieda taghhom, jew fir-rizultat tal-kawza : - id-decizjoni (dwar il-kredibbilta taghhom) tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.*

*14.Imbaghad l-artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment filverzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu il-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-principju gie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.*

*Jigifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.*

*15.In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza flismijiet Il-Pulizija vs Joseph Thorne, mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.*

*16.F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem necessarjament twassal ghall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jghid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' spergur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'mohhhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza taghhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.*

*17.L-evidenza indiretta hi dik li principalment tistrieh fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Ghalkemm ic-cirkostanzi ma jitkelmux bhax-xhieda, u b'hekk ma jistghux jigdbu, mill-banda l-ohra jistghu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem strahu fuq il-principju li biex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.*

*Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raguni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib htija fl-imputat jew akkuzat.*
*18. Mill-banda l-ohra biex persuna tigi misjuba hatja, il-Ligi kriminali ma tehtiegx li din tkun stabbilita b'certezza assoluta. Il-Ligi tal-procedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliz fejn huwa mehtieg li biex Qorti ta' Gustizzja Kriminali tkun tista' ssib htija f'akkuzat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-kaz taghha lil hinn*

*minn kull dubju dettat mir-raguni in bazi ghall-provi imresqa minnha.* ***Jekk id-Difiza tipprova l-punt taghha fuq bazi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluz mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddahhal dubju dettat mir-raguni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib htija fl-akkuzat.*** *(sottolinjar ta' din il-Qorti)*

*19.Il-Qorti tkun tista' tasal ghal din il-konkluzjoni biss wara li tkun gharblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jigifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-ahhar mill-ahhar dik il-Qorti trid tkun zgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliz, li l-kaz sehh skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan huwa l-oghla livell ta' prova li l-Ligi tehtieg biex tinstab htija; livell li huwa anqas mic-certezza assoluta, izda li huwa oghla mill-bilanc tal-probabbilitajiet.*

*20.Fil-kaz Ingliz Majid, Lord Moses stqarr hekk :*
*Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

*21.Inoltre, fil-ktieb taghhom The Modern Law on Evidence, Adrian Keane u Paul McKeown jghidu s-segwenti : -*

*In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty.*

*Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

*22.Meta jigi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi procedimenti kriminali, l-Imhallef William Harding kien xi drabi jirreferi ghal dal-kuncett bhala l-principju tas-*

*sikurezza. Hekk per ezempju fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Peralta deciza mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957, dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-kaz, in bazi ghall-provi migjuba quddiemha hija setghet tasal b'sikurezza ghall-konkluzjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jigi pruvat in bazi ghal sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. B'hekk dik il-Qorti gja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, kif ukoll illum rifless fil-gurisprudenza laktar recenti fl-Ingilterra u Wales.*

*23.U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bazat fuq ir-raguni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, cjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stharrig dettaljat u b'attenzjoni, b'diligenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu gew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza li mbaghad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jinghad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni ma jkunx intlahaq; u li allura bhala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-hati tal-akkuzi migjuba kontrih."*

Fl-isfond ta' dan kollu, ghalkemm din il-Qorti hija konsapevoli tal-hsara estensiva li soffrew sidien ta' garaxxijiet li sfaw mgharrqa, xorta wahda ma tistax tinjora certu fatti li jxekklu l-grad tal-prova rikjest f'dan it-tip ta' kawza. In fatti rrizulta, li kienu ghaddejjin xogholijiet f'dawn l-akwati minn Infrastructure Malta, tant li x-xogholijiet kienu ghadhom mhux kompletati u li dan seta' kien fattur li wassal ghal hsarat ikkagunati. Irrizulta wkoll li kienet ghamlet maltempata dakinhar li sehh l-incident, u ghalhekk, il-kwantità ta' xita li nizlet setghet kienet fattur iehor. Din il-Qorti qieset il-kontenut tar-rapport ikkonfermat bil-gurament tal-Perit Alfred Grech, li fih gew elenkati diversi ragunijiet dwar x'setghu kienu r-ragunijiet li kkagunaw din il-hsara. Qieset ukoll ir-rapport tal-Perit Michael Falzon, li hu stess elenka li l-*flooding occurred on a day when there was heavy rainfall and the road works were still not completed and the pipe trenches were still open.* Il-konkluzzjoni tal-Perit kienet li '*there is no doubt that these works facilitated the intrusion of water into the garage complex that was completely flooded.*' Anke minn evalwazzjoni ta' dan ir-rapport prodott mill-istess xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni,

din il-Qorti ma tistax tasal ghal dan il-konvinciment, li kien proprju x-xoghol tal-imputat li kien il-konsewgenza li sehhew dawn il-hsarat.

Ghaldaqstant mill-assjem tal-provi li tressqu, jezistu dubji dwar jekk effettivament din il-hsara involontarja, sehhitx minhabba x-xoghol li ghamel l-imputat jew minhabba fatturi ohra, li gew debitament elenkati u kkonfermati bil-gurament, mill-Perit Alfred Grech fir-rapport tieghu a fol 412 et seq tal-process.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, din l-Onorabbli Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza, billi ma ssibx lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni u tilliberah minn kull kundanna u htija.**

**Magistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Registratur**